# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 345/2017 RM**

**Avv. Dr. Sarah Sultana bhala**
**mandatarja specjali tas-socjeta' estera AC Design srl**

**-vs-**

**Saby Textile & Non-Textile Ltd. (C-60272)**

**Illum, 2 ta' Novembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat milll-attrici Dr. Sarah Sultana bhala mandatarja specjali tas-socjeta` estera AC Design srl, fis-27 ta' Novembru 2017, fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Saby Textile & Non-Textile Ltd, thallas is-somma ta' sitt elef tmien mija u erbgha u hamsin Ewro (€6,854.00) rapprezentanti flus dovuti lis-socjeta` estera AC Design srl ghal xoghlijiet u prestazzjonijiet kummercjali minnha maghmula fuq inkarigu taghha gewwa Malta fir-rigward ta' liema nharget fattura mis-socjeta` rikorrenti fl-1 ta' Frar 2017 (Dok. AC1), liema fattura ghadha ma thallsitx lis-socjeta` rikorrenti nonostante interpellazzjonijiet varji illi saru lilha mir-rapprezentanti tas-socjeta`

AC Design srl u nonostante interpellazzjoni legali mibghuta lilha fil-5 ta' Lulju 2017 u ghaldaqstant baqghet inadempjenti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jgib in-numru /2017 u li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz, u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta[1] tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-22 ta' Jannar, 2018 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. *Illi s-somma ta' sitt elef, tmien mija u erbgha u hamsin euro (€6,854) mhumiex dovuti lis-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda debitu mas-socjeta` rikorrenti u dan ghaliex kif ser jigi ulterjorment ppruvat waqt il proceduri ta' din il-kawza, kwalunkwe hlas li kellu jsir kien sar ghas-saldu ta' dak kollu li kien dovut;*

2. *Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta[2];

Semghet ix-xhieda ta' Sabina Iaci[3] u x-xhieda ta' Emanuele Capuzzello[4];

---

[1] Fol. 73
[2] Ix-xhieda ta' Emanuele Capuzzello tal-21 ta' Frar 2018 u x-xhieda ta' Julianne Muscat tat-18 ta' April 2018.
[3] Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2018 u fid-9 ta' Mejju 2019.
[4] Fl-udjenza tat-8 ta' Novembru 2018.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Permezz tal-azzjoni odjerna, is-socjeta` attrici, rapprezentata in gudizzju mill-mandatarja specjali taghha, Dr. Sarah Sultana, qieghda titlob ghall-hlas tal-ammont skont fattura esebita a fol. 2 tal-atti, rapprezentanti diversi servizzi li hija tghid gew rezi lis-socjeta` konvenuta u liema fattura baqghet ma thallsitx. Il-fattura hija ghas-segwenti servizzi:-

- €2,184 - *Prestazioni per montaggio mobile, poltrone, tavoli, tende, quadri per un totale di 78 ore (€28 prezzo unit) presso Hotel Alexandra Schreiber Street, St Julian's Malta*
- €3,720 - *Consulenza disposizione arredi e rilevamento misure su base di €93.000 al 4% presso Hotel Alexandra Schreiber Street, St Julian's Malta*
- €800 - *Progettazione camere per Hotel Alexandra S J Malta*
- €150 - *Rilevamento misure barca Sig. Sada presso porto Malta*

**Mobbli, Konsulenza u Tehid ta' Qisien**

Kwantu ghas-servizzi deskritti fl-ewwel zewg *entries* fil-fattura in dizamina, ghal total ta' €5,904[5], is-socjeta` attrici ssostni li hija giet inkarigata mis-socjeta`

[5] Dawn is-servizzi huma deskritti fil-fattura bhala "*Prestazioni per montaggio mobili, divani, poltrone, tavoli, tende, quadre per un tot di 78 ore*" u "*Consulenza disposizione arredi e rilevamento misure su base di €93.000 al 4%*.

konvenuta sabiex tiehu l-qisien u taghmel id-disinnji ghall-progett tar-*refurbishment* tar-*Reception, bar* u akkwati ohrajn fil-lukanda Alexandra Hotel, liema appalt kien inghata lill-istess socjeta` konvenuta.

Fix-xhieda tieghu, Emanuele Capuzzello, direttur tas-socjeta` attrici, fisser ukoll illi huwa kien biegh u kkonsenja diversi mobbli lis-socjeta` konvenuta sabiex jintuzaw f'dan il-progett tar-*refurbishment*, izda kien hemm ukoll ghamara ohra li s-socjeta` konvenuta xtrat hija stess direttament mis-*suppliers* barranin. Jafferma li effettivament, il-prezz tal-mobbli li huwa kkunsinna lis-soċjetà konvenuta, gie debitament imhallas[6] u ma jifformax parti mit-talba ghall-hlas mertu ta' din il-kawza. Qal ukoll li l-uniku sehem li s-socjeta` attrici kellha f'dan il-progett kien kien limitat ghall-"*mizuri li* [huwa ha] *u d-disinji li* [ghamel] *ta' dan il-progett*". Ikkonferma wkoll illi s-socjeta` konvenuta xtrat l-ghamara ghal-lukanda abbazi ta' dawn il-prestazzjonijiet li ghamlet is-socjeta` attrici, liema prestazzjonijiet baqghu ma thallsux mis-socjeta` konvenuta.

Is-socjeta` konvenuta tichad li ghandha thallas dan l-ammont ghaliex issostni li hija hallset lis-socjeta` attrici dak kollu li kien dovut lilha. Fix-xhieda taghha, Sabina Iaci ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, fissret illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi huma jikkollaboraw flimkien fl-aspetti kollha tal-kuntratt ta' appalt moghti lis-socjeta` konvenuta ghar-*refurbishment* tar-*reception* u akkwati ohrajn tal-lukanda Alexandra Hotel, mill-bidu sal-ahhar, bil-hsieb li wara li jitlesta l-progett, isiru l-konteggi u dak li jifdal bhala profitt mill-appalt jinqasam bejn il-partijiet.

Skont is-socjeta` konvenuta, il-kontijiet dwar il-kuntratt ghall-fornitura tal-mobbli ghal-lukanda Alexandra Hotel, inghalqu ghall-habta ta' Jannar 2016 u hija hallset l-ammont kollu li kien dovut bhala s-sehem tas-socjeta` attrici mill-

---

[6] Dok. CSH1.

profitti netti percepiti minn dan l-appalt skont il-ftehim bejniethom, liema pagamenti jinsabu elenkati f'Dok. SI1.

Wara li fliet il-provi u l-atti processwali, il-Qorti taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet:-

- Is-socjeta` konvenuta inghatat kuntratt ta' appalt ghall-fornitura ta' mobbli ghall-arredament tar-*reception* lounge u akkwati ohrajn fis-sular t'isfel tal-lukanda Alexandra Hotel, u hija inkarigat lis-socjeta` attrici sabiex tramite d-direttur taghha Emanuele Capuzzello, tiehu l-qisien mehtiega u thejji disinnji ghal dan l-arredament.

- B'zieda ma' dan, is-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat diversi mobbli lis-socjeta` konvenuta ghall-fini ta' dan il-progett ta' *refurbishment,* u kienet involuta wkoll fl-istallazzjoni taghhom fil-lukanda[7]. Jirrizulta illi l-hlasijiet ghall-bejgh u fornitura tal-mobbli relattivi dejjem gew effettwati fil-pront da parti tas-socjeta` konvenuta[8] u thallsu *in toto*.

- Huwa inkontestat illi ma sarx ftehim bil-miktub bejn il-partijiet biex jirregolaw ir-relazzjoni bejniethom u l-hlas li kellu jkun dovut ghall-prestazzjonijiet tas-socjeta` attrici;

- Hemm qbil illi Emanuele Capuzzello ircieva diversi pagamenti li jirrapprezentaw sehem mill-profitti percepiti mis-socjeta` konvenuta[9] minn dan il-progett. Izda filwaqt li s-socjeta` attrici ssostni li dawn il-hlasijiet jirrapprezentaw sehemha mill-profitt li kien hemm fuq il-fornitura tal-mobbli **biss**, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi dawn il-hlasijiet jirrapprezentaw

[7] Il-mobbli li nxtraw mis-socjeta` konvenuta abbazi tad-disinnji li ghamlet is-socjeta` attrici, inxtraw biss ghar-reception tal-lukanda u mhux ghall-kmamar.
[8] Dok. CSH1, senjatament fol. 40-42, 43-45, 46-48, 49-50, 51-43.
[9] DOk. SI1.

sehem is-socjeta` attrici tal-profitti **kollha** li hija percepiet mill-progett shih ta' *refurbishment* tal-lukanda.

- Il-partjiet jaqblu illi ma giex stabbilit percentwali fiss tal-profitti li kellhom ikun dovuti lis-socjeta` attrici, u d-decizjoni fir-rigward kienet thalliet fid-diskrezzjoni tas-socjeta` konvenuta[10].

- Is-socjeta` konvenuta akkwistat ukoll hija stess diversi mobbli ohrajn ghal dan il-progett ta' *refurbishment*, direttament minghand *suppliers* barranin.

- M'huwiex kontestat illi x-xiri tal-mobbli mis-socjeta` konvenuta ghar-*refurbishment* tar-*reception* lounge tal-lukanda, sar direttament abbazi tal-konsulenza, kejl u *projections* li ghamlet is-socjeta` attrici[11].

- Il-pagamenti akkont elenkati f'Dok. SI1 u li jammontaw komplessivament ghas-somma ta' €13,500, thallsu lil Emanuele Capuzzello bejn Lulju 2015 u Jannar 2016, u ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-pagamenti li saru ghall-akkwist u fornitura tal-mobbli akkwistati direttament minghand is-socjeta` attrici[12].

- Huwa wkoll inkontestat illi ghalkemm is-socjeta` attrici hadet ukoll il-qisien u harget disinn (*sample room*) ghall-arredament ta' xi kmamar fil-lukanda, il-progett tal-kmamar baqa' ma sarx u d-disinni li saru baqghu ma ntuzawx[13].

Ikkunsidrat;

---

[10] Effettivament, Emanuele Capuzzello afferma li huwa halla f'idejn is-socjeta` konvenuta sabiex tideciedi l-percentwali li kellu jiehu fuq il-profitti.
[11] Ara xhieda ta' Emanuele Capuzzello tal-21 ta' Frar 2018, fol. 15 *et seq.*
[12] Dok. CSH1.
[13] Dan gie konfermat ukoll minn Julianne Muscat. Is-socjeta` konvenuta ssostni li l-progett ma sarx ghaliex effettivament il-prezzijiet kwotati mis-socjeta` attrici ghall-mobbli u ghall-arredament, kienu gholjin wisq.

Il-verzjoni tas-socjeta` konvenuta kif rajna, hija li l-partijiet hadmu f'kollaborazzjoni pjena ma' xulxin mill-bidu tal-ahhar tal-appalt ghar-*refurbishment* tal-lukanda Alexandra Hotel, u s-socjeta` attrici thallset kull ma kien dovut lilha fuq dan il-progett. Issostni li l-ftehim bejn il-partijiet kien illi huma jaqsmu bejniethom il-qligh kollu li hija tippercepixxi minn dan l-appalt, kif effettivament gara, u dan bhala hlas ghall-kollaborazzjoni u l-prestazzjonijiet kollha tas-socjeta` attrici fuq dan il-progett.

Da parti taghha, is-socjeta` attrici tikkontendi illi l-hlasijiet li saru lid-direttur taghha, Emanuele Capuzzello, kif elenkati f'Dok. SI1, jirrapprezentaw persentagg tal-qligh li s-socjeta` konvenuta ghamlet limitatament mill-bejgh ta' dawn il-mobbli lil-lukanda u dan abbazi tal-fatt illi l-bejgh u kunsinna ta' dawn il-mobbli sar bl-intervent tal-istess socjeta` attrici meta xtrathom hija stess minghand *suppliers* barranin. Tikkontendi illi s-servizzi ghat-tehid tal-qisien, disinnji u istallazzjoni tal-mobbli kellhom jithallsu **addizzjonalment** ghall-pagamenti tal-profitti mill-fornitura tal-mobbli, u tichad ghalhekk illi l-pagamenti li saru in kontanti skont Dok. SI1 kienu jirrapprezentaw il-hlasijiet dovuti lilha ghall-kollaborazzjoni shiha taghha f'dan il-progett.

Illi minn dan jikkonsegwi illi ghar-rizoluzzjoni ta' din il-vertenza, irid jigi stabbilit effettivament x'kienu jirrapprezentaw il-hlasijiet li saru lis-socjeta` attrici, u b'mod partikolari jekk is-socjeta` attrici kellhiex tithallas ukoll separatament u addizzjonalment ghall-imsemmija pagamenti, ghad-disinnji u istallazzjoni tal-mobbli fil-lukanda, u ghall-qisien li hadet u li abbazi taghhom giet ordnata u kunsinnata l-ghamara fir-*reception* lounge tal-lukanda.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva illi huwa principju regolanti in materja illi li kwalunkwe prestazzjoni ta' servigi hija prezunta li saret bi speranza ta' kumpens

u konsegwentement, l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment[14].

Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Joseph Portelli et vs Rik Limited**[15], gie ritenut hekk:-

*"Huwa stabbilit lil-bazi ta' azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq zewg sisien: jigifieri fuq il-kwasi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li ghamel. Minbarra dan ilu zmien twil acettat li il-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi ikun jidher sewwa illi min ta' dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalieh. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas ghandu jitqies il-waqt meta jinghata tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservix biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kienitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu."*

Il-Qorti tqis illi biex titwaqqa' l-presunzjoni li l-prestazzjoni ta' servizzi nghataw bi speranza ta' kumpens, jehtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' din il-presunzjoni u juri b'mod konvincenti li l-intenzjoni tar-remunerazzjoni kienet eskluza u illi s-servizz ma setax gie prestat hlief gratuwitament.

Kif gie ritenut in propositu:-

"*Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu,*

[14] **Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. XXXVIII.ii.568). Ara wkoll: **Mary Grace Attard et vs Rosario Attard**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ottubru 1989 (Vol. LXXIII.ii.396), u **Alfred Caruana et vs Paul Farrugia et**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 1996 (Vol. LXXX.iii.1280).

[15] Deciza 16 ta' Dicembru 2003.

*u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni…"*[16]

Illi l-partijiet jaghtu verzjonijiet kontradittorji dwar il-ftehim ghall-hlas tal-prestazzjonijiet moghtija mis-socjeta` attrici fuq dan l-appalt. In materja ta' kunflitt fil-verzjonijiet, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**:-

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
*2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (**Kollez. Vol L pII p440**)."*

Inghad ukoll hekk in propositu fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilak**[17]:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza*

[16] **Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Limited et**, Qorti tal-Appell (Inf) 20 ta' Novembru 2009. Ara wkoll: – **Albert Calleja vs Direttur Generali tal-Qorti**, deciza Qorti tal-Appell (Inf), 6 ta' April 2005.

[17] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 30 ta' Ottubru 2003.

*morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi. Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."*

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tinnota illi Emanuele Capuzzello fix-xhieda tieghu in ezami mkien ma ghamel accenn ghall-hlasijiet li huwa rcieva minghand is-socjeta` konvenuta bhala sehmu mill-profitti fuq il-fornitura tal-mobbli lil-lukanda. Effettivament, minnu jeddu huwa kien xehed illi l-uniku sehem li s-socjeta` attrici kellha f'dan il-progett kien kien limitat ghall-qisien li ttiehdu minnu u d-disinji li ghamel dwar dan il-progett. Kien biss meta gie rinfaccjat in kontro-ezami bid-dokument Dok. SI1 li huwa stqarr li kien effettivament ircieva xi pagamenti minghand is-socjeta` konvenuta rapprezentanti sehem ta' xi qligh percepit minn din il-fornitura. B'zieda ma' dan, il-Qorti tosserva wkoll illi s-socjeta` attrici baqghet ma fissritx b'mod idoneu jew konvincenti, ix-xorta tal-ftehim bejn il-partijiet u Emanuele Capuzzello lanqas kien kapaci jghid x'kienet ir-rata fis-siegha li l-partijiet qablu li tigi applikata ghall-hlas tad-disinn u istallazzjoni tal-mobbli fil-lukanda. Baqa' ma offra l-ebda spjegazzjoni lanqas ghaliex il-hlas ghas-servizzi ta' konsulenza, disinnji u kejl (skont it-tieni *entry* fil-fattura) gie komputat mhux b'rata fis-siegha, izda b'applikazzjoni ta' percentwali fuq l-introjtu prospettat.

Izda indipendentement minn dan, il-Qorti wara rat l-atti hija konvinta illi effettivament, il-ftehim bejn il-partijiet kien illi jahdmu flimkien l-appalt tar-*refurbishment* tal-lukanda Hotel Alexandra, liema appalt kien inghata lis-socjeta` konvenuta. Mill-gabra tal-provi, il-Qorti fehmet illi l-arrangament milhuq bejn il-partijiet kien illi s-socjeta` attrici kellha tiehu l-kejl u taghmel id-disinnji mehtiega ghal dan ir-*refurbishment*, u kellha tkun involuta wkoll fil-kunsinna u t-

tqeghid tal-mobbli fir-*reception* u bar tal-Hotel Alexandra skont id-disinnji. Kif diga` stabbilit, jirrizulta li s-socjeta` attrici, oltre li pprovdiet servizzi konsistenti fit-tehid ta' qisien u thejjija ta' disinnji ta' diversi akkwati tal-lukanda[18], forniet hija stess uhud mill-mobbli li kienu mehtiega, u introduciet ukoll lis-socjeta` konvenuta ma' xi *suppliers* barranin ghall-fornitura ta' xi mobbli ohrajn.

Il-Qorti wara li qieset il-verzjonijiet rispettivi tal-partijiet, m'hijiex konvinta bil-verzjoni tas-socjeta` attrici illi l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet fuq dan il-progett ma kienx wiehed holistiku u illi l-ftehim ghall-hlas ta' sehem mill-profitti kien limitat ghal dawk il-profitti percepiti mill-fornitura tal-mobbli **biss**. Il-Qorti, minflok, tqis li ghandu jinghata piz lill-verzjoni tas-socjeta` konvenuta illi hija ftehmet mas-socjeta` attrici li kellhom jahdmu l-progett flimkien u li kellha thallas lill-istess socjeta` attrici sehem mill-profitti netti kollha percepiti mill-kuntratt ta' appalt u dan **in linea ta' pagament ghas-servizzi kollha prestati mill-istess socjeta` attrici fuq l-appalt**.

Sabina Iaci xehdet hekk fir-rigward tal-kuntratt tar-*refurbishment* tar-*reception* lounge tal-lukanda:-

"*... Emmanuele Capuzzello ... kellu jghini ... insib fornitura ta' dawn il-mobbli u kellu jghini wkoll kif spjegajt qabel, f'dak kollu li kelli bzonn biex naqdi dan il-kuntratt ... u kellna nahdmu flimkien mill-bidu sal-ahhar.*"

Il-Qorti ma hijiex konvinta bil-verzjoni tas-socjeta` attrici li l-ftehim ghall-fornitura tal-mobbli sar separatament mill-ftehim ghall-prestazzjoni tas-servizzi ta' kejl u disinnji u tal-istallazzjoni tal-mobbli mis-socjeta` attrici, u tqis bhala ferm iktar verosimili l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-kollaborazzjoni bejn il-partijiet ma kienetx maqsuma fi fazijiet differenti, izda kienet kollaborazzjoni komplessiva li ghaliha s-socjeta` attrici thallset sehem mill-profitti globali fuq l-appalt li rceviet is-socjeta` konvenuta minghand il-lukanda Alexandra Hotel.

[18] Il-mobbli li nxtraw mis-socjeta` konvenuta abbazi tad-disinnji li ghamlet is-socjeta` attrici, inxtraw biss ghar-reception tal-lukanda u mhux ghall-kmamar.

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni s-segwenti rizultanzi mill-provi.

Hu minnu illi s-socjeta` attrici harget fatturi ghall-hlas tal-fornitura tal-mobbli lis-socjeta` konvenuta, liema mobbli akkwistat hija stess minghand *suppliers* barranin. Dawn il-fatturi thallsu lkoll fil-pront mis-socjeta` konvenuta. Il-Qorti ghalhekk tippretendi illi kieku l-ftehim kien hekk kif issostni s-socjeta` attrici, hija kienet tohrog il-fatturi relevanti ghall-prestazzjonijiet specifici ta' kejl, disinnji, istallazzjoni u konsultazzjoni, fiz-zmien opportun u tempestiv, cioe` waqt l-andament tal-progett, mhux iktar minn sena wara li l-progett gie konkluz. ***Multo magis* galadarba l-qisien u d-disinnji tal-mobbli fl-akkwati tar-*reception lounge* tal-lukanda, li ghalihom qed jigi reklamat il-hlas, saru proprju biex abbazi taghhom jinxtraw u jigu forniti dawk il-mobbli lil-lukanda**, kif del resto stqarr Emanuele Capuzzello nnifsu fix-xhieda tieghu[19].

Inoltre, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti minn Julianne Muscat, il-fatturi kollha li harget is-socjeta` konvenuta relattivament ghal dan l-appalt, liema fatturi thallsu *in toto* mil-lukanda, **kienu kollha kemm huma dovuti ghall-bejgh u fornitura ta' mobbli biss,** minghajr ebda indikazzjoni li ntalab jew kien dovut hlas mil-lukanda ghal xi servizzi ohrajn li setghu gew rezi b'rabta mal-progett ta' *refurbishment*, fosthom kejl, disinnji u istallazzjoni. Il-Qorti ghalhekk fehmet illi l-qligh kollu li ghamlet is-socjeta` konvenuta fuq il-progett tar-*refurbishment* gie percepit mill-hlas tal-fatturi mahrugin lil-lukanda ghall-fornitura tal-mobbli (Dok. SS1) **u ma kien hemm ebda introjtu iehor mill-progett**.

Huwa indiskuss illi l-fatturi li s-socjeta` attrici harget ghall-hlas tal-prezz tal-ghamara li hija xtrat minghand *suppliers* barranin u bieghet direttament lis-

[19] Xhieda tal-21 ta' Frar 2018.

socjeta` konvenuta ghall-arredament tal-lukanda, thallsu *in toto* mis-socjeta` konvenuta. Dan ikkonfermah Emanuele Capuzzello fix-xhieda tieghu. Skont il-fatturi li harget is-socjeta` attrici ghall-bejgh u fornitura ta' dawn il-mobbli lis-socjeta` konvenuta, il-prezz totali tal-mobbli suppliti, huwa ta' €4,755. Il-Qorti tippretendi illi jekk kien hemm fatturi ohrajn dwar il-fornitura tal-ghamara li s-socjeta` attrici xtrat hija stess minghand *suppliers* barranin, dawn kienu jigu esebiti flimkien mal-ghadd sostanzjali ta' fatturi, disinnji u dokumenti ohrajn li hija esebiet fl-atti[20]. Konformement, tqis li mhux attendibbli l-verzjoni ta' Emanuele Capuzzello illi huwa rcieva sehem mill-qligh fis-somma ta' €13,500 fuq bejgh ta' mobbli ta' valur ta' €4,755. ***Multo magis* meta l-istess Emanuele Capuzzello afferma li fil-fatturi tieghu (Dok. CSH1) huwa kien diga` zied il-qligh tieghu fuq il-prezz tal-mobbli**.

Fir-rigward, huwa xehed hekk in kontro-ezami:-

"*Jiena nispjega illi ... il-fattura li jien hrigt lis-socjeta` konvenuta kienet* ***tinkludi l-profitt il-qligh tieghi u allura ma kienetx ghall-istess valur tal-fattura li kienet harget il-fabbrika li ssupplixxiet l-ghamara****. Jiena nikkonferma li l-invoices kollha li jien hrigt lis-socjeta` konvenuta thallsu kollha hlief ghall-fattura li jinsab esebit a fol. tnejn (2) li hemm il-pendenza li ghad hemm bejnietna.*"[21] [enfasi tal-Qorti]

Dan ifisser illi skont is-socjeta` attrici, il-ftehim bejn il-partijiet kien illi, ghad li hija gia` ghamlet qligh fuq il-bejgh tal-mobbli lis-socjeta` konvenuta, **kellha tircievi addizzjonalment sehem mill-qligh li taghmel is-socjeta` konvenuta fuq il-fornitura ta' dawn l-istess mobbli lil-lukanda, kif ukoll tithallas <u>addizzjonalment</u> ghall-prestazzjonijiet kejl, disinnji u istallazzjoni ta' dawn l-istess mobbli fil-lukanda**. Ghall-Qorti huwa ftit spjegabbli kif is-socjeta` attrici tippretendi illi l-ftehim bejn il-partijiet kien li hija tithallas is-somma ta' €13,500 mill-qligh kollu li ghamlet is-socjeta` konvenuta minn dan il-progett ta' fornitura ta' mobbli, semplicement ghall-fornitura tal-ftit mobbli li hija

[20] Dok. CSH u Dok. CSH1 (fol. 16 sa 53) u Dok. A (fol. 70).
[21] Xhieda tat-8 ta' Novembru 2018, fol. 80.

supplixxiet direttament lis-socjeta` konvenuta. Dan huwa xejn inqas minn assurd u ma fih ebda sens kummercjali ghas-socjeta` konvenuta li jirrizulta li hallset ukoll hija stess, il-prezz tal-mobbli akkwistati minn *suppliers* barranin.

Ikkunsidrat;

Dan kollu jwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li huwa ferm iktar verosimili illi l-ftehim bejn il-partijiet kien kif fissret Sabina Iaci fix-xhieda taghha, cioe` illi s-socjeta` attrici tippartecipa fil-profitti netti tal-progett wara li jsiru l-konteggi kollha. Kieku l-ftehim kien wiehed spezzettat kif tallega s-socjeta` attrici, u sar ftehim li s-servizzi ta' kejl, disinnji u istallazzjoni jithallsu separatament mill-ftehim dwar il-fornitura ta' dawk il-mobbli mis-socjeta` attrici, il-Qorti kienet tistenna li l-fatturi ghal dawn is-servizzi jinhargu immedjatament u regolarment, kif wara kollox inhargu l-fatturi ghall-fornitura tal-mobbli lis-socjeta` konvenuta (li kollha thallsu fil-pront), u mhux iktar minn sena wara li evidentement il-progett tar-*refurbishment* kien inghalaq. Wara kollox, jekk, kif jirrizulta mill-fattura Dok. AC1, il-hlas ghall-istallazzjoni tal-mobbli fil-lukanda kellu jsir abbazi ta' rata ghal kull siegha ta' xoghol, allura l-ammont dovut kellu jkun facilment komputabbli. *Multo magis* il-hlas ghall-konsulenza u t-tehid ta' qisien li, skont l-istess fattura, kellu jsir skont percentwali ta' introjtu prospettat fis-somma ta' €93,000 ghaliex jirrizulta illi l-introjtu mill-appalt moghti lis-socjeta` konvenuta kien diga` kollu stabbilit meta nharget l-ahhar fattura lil-lukanda fl-1 ta' Ottubru 2015. Maghdud dan il-fatt illi kif diga` nghad, il-qisien jittiehdu qabel effettivament jigi istallat ix-xoghol.

Dan kollu jkompli jirrinforza l-fehma tal-Qorti li hija verosimili l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-fattura Dok. AC1 inharget wara sena minn meta nghalaq il-progett, ghaliex dak iz-zmien hija kienet hadet kuntratt iehor ghar-*refurbishment* tal-kmamar tal-istess lukanda izda ghazlet li ma tahdmux b'kollaborazzjoni mas-socjeta` attrici.

Il-Qorti zzid tghid illi anke l-fatt wahdu illi s-socjeta` attrici tippretendi hlas ghall-konsulenza, disinnji u qisien fuq percentwali minn introjtu totali ta' €93,000[22], jikkonforta l-konvinzjoni taghha illi l-involviment tal-istess socjeta` attrici fil-progett tal-fornitura tal-mobbli fil-lukanda kien wiehed holistiku, hekk kif deskritt minn Sabina Iaci. Kemm hu hekk, ghal dan l-involviment, is-socjeta` attrici thallset sehem mill-profitti kollha mill-appalt, liema sehem kien intiz biex ikopri wkoll il-hlas ghall-prestazzjonijiet separati li kienu instrumentali ghat-twettiq shih tal-appalt.

Ghaldaqstant, f'dan l-isfond u abbazi tal-preponderanza tal-provi, il-Qorti tqis illi l-verzjoni tas-socjeta` attrici ghandha tigi eskluza. Fuq bilanc ta' probabbilitajiet, hija konvinta illi l-pagamenti li saru skont kif indikati f'Dok. SI1, kienu pagamenti rapprezentanti s-sehem dovut lis-socjeta` attrici tal-profitti min-negozju kollu li ghamlet is-socjeta` konvenuta mal-lukanda Alexandra Hotel u dan proprju ghaliex il-ftehim bejn partijiet kien illi ghall-**prestazzjonijiet kollha** tas-socjeta` attrici fil-progett tar-*refurbishment* tar-*reception* tal-lukanda, fosthom il-kollaborazzjoni taghha fil-fornitura tal-ghamara (liema fornitura, wara kollox, kienet bbazata fuq dawn il-prestazzjonijiet), kellha tithallas sehem mill-profitti netti tal-progett kollu, kif del resto sar.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dawk kollu fuq premess, il-Qorti tqis li ma huwa dovut ebda hlas mis-socjeta` konvenuta ghall-prestazzjonijiet deskritti fl-ewwel zewg *entries* tal-fattura Dok. AC1.

**<u>Disinnji tal-Kmamar tal-Lukanda</u>**

Is-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' €800 (*Progettazione camera per Hotel Alexandra*).[23] Fir-rigward, Emanuele Capuzzello xehed illi huwa kien ħa l-qisien kollha u għamel id-disinji kollha tal-kmamar tal-lukanda Alexandra Hotel.

[22] It-tieni *entry* fil-fattura Dok. AC1.
[23] Dok. AC1.

Min-naha taghha, is-socjeta` konvenuta tikkontendi li ebda hlas ma huwa dovut fir-rigward, ghaliex il-partijiet ma kienux effettivament inghataw il-kuntratt ghall-fornitura tal-mobbli ghall-kmamar tar-raba' u l-hames sular tal-lukanda Alexandra Hotel. Sabina Iaci fix-xhieda taghha fissret illi l-partijiet ftiehmu li jikkollaboraw flimkien fl-aspetti kollha tax-xogholijiet kummissjonati mil-lukanda Alexandra Hotel mill-bidu sal-ahhar tal-progett ta' *refurbishment* tar-*reception* tal-lukanda u kien proprju waqt li kien ghaddej dan il-progett li hija giet effettivament mitluba mil-lukanda sabiex isiru xi disinnji ghar-*refurbishment* tal-kmamar fir-raba' u l-hames sular tal-lukanda. Skont is-socjeta` konvenuta, il-hlasijiet li saru lil Emanuele Capuzzello rapprezentanti sehemu mill-profitti kollha percepiti mill-progett tar-*refurbishment* tar-*reception*, jinkludu l-hlasijiet ghall-prestazzjonijiet **kollha** tieghu f'dan il-progett, inkluz id-disinnji li ghamel ghall-kmamar imsemmija. Dan ghaliex huma kkollaboraw flimkien f'kull aspett tal-progett mill-bidu tal-ahhar tieghu u kif inghad, il-ftehim kien illi s-socjeta` attrici tithallas billi tippartecipa fil-profitti kollha percepiti mill-appalt, wara li jitnaqqsu l-ispejjez.

Fix-xhieda taghha Julianne Muscat ikkonfermat illi ghalkemm Emanuele Capuzzello gie inkarigat mis-socjeta` konvenuta sabiex jiehu xi kejl u jahdem xi disinnji ghal dawn il-kmamar u effettivament ipprovda *sample room*, id-dirigenti tal-lukanda ghazlu li ma jkomplux jahdmu fuq dan id-disinn. Sabina Iaci kkonfermat illi r-raguni kienet li l-prezzijiet kwotati mis-socjeta` attrici kienu gholjin wisq.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva illi m'huwiex kontestat illi s-socjeta` konvenuta inkarigat lis-socjeta` attrici taghmel dawn id-disinnji ghall-kmamar, u jirrizulta illi dawn saru

fil-1 ta' Settembru 2015 u 9 ta' Settembru 2015[24] meta evidentement, il-progett tar-*refurbishment* tal-lobby tal-lukanda kienet ghadha ghaddejja. Ghalkemm dan ifisser illi d-disinnji li ghamlet is-socjeta` attrici effettivament saru fil-kors tal-ezekuzzjoni tal-appalt dwar ir-*refurbishment* tar-*reception* u akkwati ohra tal-lukanda u, kif stabbilit, is-socjeta` attrici kellha tithallas billi tippartecipa fil-profitti kollha percepiti mill-appalt, il-Qorti m'hijiex konvinta illi l-ftehim bejn il-partijiet kien jestendi **wkoll** ghall-prestazzjonijiet li ghamlet is-socjeta` attrici in konnessjoni mad-disinn tal-kmamar tal-lukanda.

Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wara li kkunsidrat li l-prospett ta' appalt iehor ghar-*refurbishment* tal-kmamar fir-raba' u l-hames sular, nibet diversi xhur wara t-tnedija tal-progett tar-*refurbishment* tar-*reception* u *lobby* tal-lukanda u sahansitra wara li s-socjeta` konvenuta kienet diga` hallset lil Emanuele Capuzzello diversi pagamenti akkont tal-profitti tan-negozju li, sa dak iz-zmien, kien limitat ghar-*refurbishment* tas-sular t'isfel tal-lukanda. Fic-cirkostanzi, billi d-disinnji tal-kmamar saru bl-intendiment ovvju li s-socjeta` konvenuta tinghata kuntratt gdid ta' appalt, did-darba ghar-*refurbishment* tal-kmamar fir-raba' u l-hames sular tal-lukanda, il-Qorti ma tistax tassumi illi dak li gie miftiehem b'rabta mal-ewwel appalt ghandu jkopri jew japplika wkoll ghal prospett ta' appalt gdid. Wara kollox, il-prospett ta' dan it-tieni appalt baqa' ma mmaterjalizzax.

Kif inghad, il-presunzjoni hija dejjem favur in-non gratuwita` tal-prestazzjoni ta' servizzi u f'dan il-kaz il-Qorti ma hijiex konvinta illi intwera sodisfacjentement illi l-intenzjoni tas-socjeta` attrici kienet illi tippresta s-servizzi taghha gratuwitament **anke fl-eventwalita` li dan l-appalt ma jimmaterjalizzax**. Huwa evidenti mill-fattura Dok. AC1 illi l-hlas ghas-servizz deskritt bhala "*progettazione camera per Hotel Alexandra*", intalab bhala *lump sum*[25], u mhux b'rata fis-siegha jew bhala persentagg abbazi tal-introjtu progettat mill-appalt

[24] Fol. 24 sa 29.
[25] €800.

bhalma gie pretiz il-hlas ghas-servizz tal-konsulenza dwar id-disinn u kejl tal-mobbli fis-sular t'isfel tal-lukanda[26].

Din il-konkluzjoni hija sorretta wkoll b'dak li xehed Emanuele Capuzzello fir-rigward:-

"*Jien nghid illi l-percentwal tal-profitt li jiena thallast minghand is-socjeta` konvenuta kien ghan-negozju biss li ghamlina bejnietna. ... Nghid illi s-socjeta` konvenuta qatt ma talbitni li nidhol f'negozju maghha bhal ma ghamilna ghall-ewwel fazi tal-progett ghar-rigward tal-kmamar tal-lukanda. Nghid illi jiena gejt inkarigat biss minnha niehu l-kejl tal-kmamar ghall-finijiet li jsir l-arredament taghhom.*"[27]

Din ix-xhieda hija konsonanti mal-verzjoni ta' Sabina Iaci, li xehdet hekk fir-rigward tal-ftehim li hija kellha mas-socjeta` attrici:-

"*... meta ghamilna l-kuntratt mal-Alexandra Hotel, **l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-progett tal-fornitura tas-sufanijiet kienu inkluzi** u ... dawn kienu thallsu kollha. Il-ftehim li jiena kont ghamilt ma' Capuzzello kien illi ... hu jissupplixxi s-sufanijiet u jghini man mano fix-xoghol kollu illi kellu jsir **ghall-arredament tar-reception tal-hotel u xejn iktar***." [enfasi tal-Qorti][28]

Ghalkemm huwa minnu illi ma jirrizultax li s-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-servizzi relatati mal-kamra qabel harget il-fattura tal-1 ta' Frar 2017, il-Qorti kif diga` kkunsidrat, ma temminx illi f'dan il-kaz gie ppruvat illi l-pagamenti li saru lil Capuzzello in linea ta' sehem mill-profitti percepiti mis-socjeta` konvenuta, saru wkoll biex ikopru l-hlas ghall-prestazzjonijiet tieghu fir-rigward tad-disinn tal-kmamar fir-raba' u l-hames sular tal-lukanda Alexandra Hotel.

Billi s-socjeta` konvenuta ma fissritx b'mod car x'kien il-ftehim bejn il-partijiet dwar dan il-progett partikolari, il-Qorti tqis li ma tressqux provi bizzejjed biex

[26] *"Consulenza disposizione arredi e rilevamento misure su base introit di €93,000 al 4%."*
[27] Xhieda in kontro-ezami tat-8 ta' Novembru 2018, fol. 82.
[28] Hija xehdet ukoll hekk:- *"ahna kellna nahdmu flimkien … f'din il-fornitura u anke fl-istallazzjoni ta' dawn il-mobbli fil-Hotel Alexandra. …"*.

jeghlbu l-prezunzjoni in materja li dan is-servizz inghata bi speranza ta' kumpens. Ghaldaqstant, fis-somma ta' €800 mitluba fit-tielet item tal-fattura Dok. AC1, huwa dovut lis-socjeta` attrici.

**<u>Dghajsa - Tehid ta' Qisien</u>**

Is-socjeta` attrici titlob il-hlas ukoll ta' xoghol ta' qisien li sar fuq dghajsa ta' certu Sig. Sada gewwa Malta. Ghal dan is-servizz hija titlob il-hlas ta' €150.

Fir-rigward, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi ghalkemm kien sar kollaborazzjoni bejn iz-zewg partijiet ghall-prestazzjoni ta' servizzi fuq id-dghajsa in kwistjoni, kienu saru konteggi hziena da parti tas-socjeta` attrici bir-rizultat illi hija kellha thallas minn butha diversi spejjez. Issostni wkoll illi l-ispejjez li hija kellha thallas rigward il-prestazzjoni fuq din id-dghajsa, kienu ttiehdu in konsiderazzjoni meta saru l-konteggi mas-socjeta` attrici b'rabta mal-kuntratt tal-lukanda Alexandra Hotel.

Ikkunsidrat;

Hu evidenti illi l-inkarigu moghti lis-socjeta` attrici in konnessjoni mad-dghajsa, ma kienx marbut mal-progett tal-lukanda, anke jekk dawn is-servizzi nghataw - skont il-*quotation* li hija harget - ghall-habta ta' Marzu 2015[29] u cioe` waqt l-andament tal-progett tar-*refurbishment* tal-lukanda Alexandra Hotel.

Fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta` konvenuta ma rnexxilhiex turi b'mod konvincenti ghaliex il-hlas pretiz m'huwiex dovut. Ma tressqet l-ebda prova kwalsiasi in sostenn tal-allegazzjoni li ghamlet il-konvenuta, li saru konteggi hziena mis-socjeta` attrici jew li hija kellha thallas minn butha xi spejjez b'rizultat ta' dawn l-allegati konteggi hziena, wisq inqas gie ppruvat kif effettivament dawn l-

[29] Ara quotation a fol. 38.

ispejjez ittiehdu in konsiderazzjoni fis-sehem tal-profitti li thallsu lis-socjeta` attrici skont Dok. SI1 jew li kien ftehim mas-socjeta` attrici li jsir hekk.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi l-hlas pretiz ghall-prestazzjonijiet li saru fuq id-dghajsa fis-somma ta' €150 skont kif pretiz fil-fattura Dok. AC1, huwa dovut mis-socjeta` konvenuta.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta biss safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, tilqa' limitatament it-talba attrici billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici nomine s-somma komplessiva ta' disa' mija u hamsin Euro (€950) bl-imghax mill-1 ta' Frar 2017, id-data tal-fattura u bl-ispejjez jithallasu kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-attrici nomine u kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta` konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**